MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 1380/2003

**Nadine Cachia**
**vs**
**Joanne Mifsud u Kevin Charles Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Lulju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) u fejn intqal:**
**Illi permezz ta' skrittura datata 9 ta' jannar, 2002, annessa u mmarkata bhala Dok.A, l-attrici bieghet lill-konvenuta Joanne Mifsud, qattusa tar-razza "persian" bl-isem ta' "Shulamyth's American Beauty".**
**Illi l-istess qattusa inbieghet lill-konvenuta Joanne Mifsud minghajr "breeding rights".**
**Illi skond l-imsemmija skrittura, il-konvenuta obbligat ruhha illi thallas lill-attrici s-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) fl-eventwalita` illi hija tikser tali kundizzjoni u tghammar il-qattusa.**

**Illi l-qattusa llum tinsab fil-pussess tal-konvenut Kevin Charles Micallef.**
**Illi l-konvenuti jew min minnhom ghammru l-istess qattusa, li kellha l-friegh.**
**Ghaldaqstant intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu ikkundannati jhallsu s-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00), skond l-iskrittura msemmija.**
**Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-7 t'Awissu, 2003 fejn intqal :**
**i. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija mpernjata fuq kawzali li m'ghandhom ebda sahha legali u fattwali peress li ai termini tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta that l-istitut tal-accessjoni il-frott ta' kwalunkwe tip jappartjenu bi dritt lis-sid tal-haga li tkun ipproduciethom u kwindi ma jista' jkun hemm qatt il-ksur kontemplat mill-attrici.**
**ii. Illi ukoll preliminarjament kwantu ghall-konvenut Kevin Micallef dan mhux il-legittimu kontradittur peress li mhux parti fl-iskrittura citata mill-attrici u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ghall-attrici.**
**iii. Illi fit-tielet lok kienet l-istess attrici li m'ottemperatx ruhha mal-obbligi veri tal-iskrittura peress li ma rregistratx il-qattus man-National Cat Society, Malta Cat Federation u FIFE u kwindi l-attrici ma tistax issa tipprevalixxi ruhha mill-iskrittura gjaladarba hija stess ma ottemperatx ruhha maghha.**
**iv. Illi fir-raba lok mhux assolutament minnu li l-qattus gie mghammar jew altrimenti kellu firegh.**
**v. Illi it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.**
**vi. Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-affidavits ta' Nadine Cachia u Blanche Coppola. Semgha x-xhieda ta' Nadine Cachia, Kevin Micallef, Mary Rose Zammit u Blanche Coppola. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.**

**Ikkunsidra :**

**1. Il-kaz qed isir ghal hlas ta' "breeding rights" fuq il-qattusa "Shulamyth's American Beauty" ta' razza Persjana, u l-pedigree kien jappartjeni lill-attrici Dok.NC6.**

**2. Jirrizulta illi skond l-iskrittura datata 9 ta' Jannar, 2002, Dok.A, il-qattusa inbieghet lill-konvenuta Mifsud bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija, fosthom:"….wtih no breeding rights. I understand that if I violate this agreement and breed the kitten/cat, I will have to pay the remaining amount for a cat with breeding rights, that is the sum of 300 maltese liri."**

**3. Il-qattusa in kwistjoni kienet ta' kulur Calico, bi predominanza ta' "patches" suwed u kannella, u b"inverted V blaze" fuq wiccha, u b'daqna sewda. Skond l-attrici il-ftehim kien li l-qattusa tigi msewwija sa ma taghlaq tmien xhur.**

**4. L-attrici indunat li kien hemm friegh tal-imsemmija qattusa, meta marret fil-website tal-konvenut Micallef fejn kien hemm ir-ritratt ta' Cilicia, Dok.NC2. Ghalhekk l-attrici ikkuntattjat lil Jonathan Attard, Registrar tal-Malta Feline Fanciers, u dan infurmaha li skond Micallef il-qattusa kienet inxtrat mill-Italja. Apparti minn dan Attard qalilha wkoll li skond id-dokument prezentat minn Micallef ma kienx hemm klawsola dwar "breeding rights".**

**5. L-attrici investigat ukoll dwar friegh li kellu Micallef mill-qtates Monella Javier (shaded silver male) u Carabella Sharis (blue cream female), u dawn kellhom is-segwenti: cream male, cream and white male, silver tabby male, black smoke male, blue cream female. Meta hi indagat ulterjorment ma' Penelope Bydlinski esperta tal-genetika felina, din qalet: "you are perfectly correct, he cannot produce the colours he says from this mating." (Vive Dok.NC8)**

**6. L-attrici ghamlet referenza ghad-Dok.NC3 li hu ritratt fil-gazzetta The Times tas-7 ta' Lulju, 2002, fejn tidher il-qattusa in kwistjoni. Ma hemmx dubbju li r-**

**ritratti li l-attrici rat fl-internet Dok.NC2 huma pratikament identici.**

**7. Il-konvenut Micallef jikkonferma li ghandu fil-pusess tieghu il-qattusa imsemmija fl-avviz, u kien xtrah minghand il-konvenuta Mifsud. Hu jghid li sakemm kienet ghandu din il-qattusa qatt ma kellha friegh. Huwa esebixxa il-ftehim Dok.Km1 li jghid li hu l-ftehim intier peress fid-Dok.A esebit kien hemm xi affarijiet neqsin, u senjatament il-fatt li l-attrici kellha obbligu li tirregistra l-qattusa man-National Cat Society, Malta Cat Federation u FIFE. Il-konvenut jinsisti li l-qtates ta' kulur cream u abjad ma gewx mill-qattusa tal-attrici. It-Tribunal fir-rigward ma jistghax ma jirrilevax dak li qalet Penelope Bydlinski fir-rigward, u ghalhekk dak li qed jghid il-konvenut ma jistghax ikun minnu.**

**8. Il-konvenut jinsisti li Cilicia u American Beauty m'humiex l-istess qattusa. Hu jikkonferma li American Beauty qatt ma ssewwiet.**

**9. Issa jibda biex jinghad illi hawnhekk si tratta ta' kax ta' obbligu kontrattawli bejn il-partijiet. Dak li ftehmu bejniethom jorbot, u ghalhekk l-artikoli dwar l-accessjoni fil-Kap.16 ma jistghux japplikaw ghall dan il-kaz.**

**10. Mill-provi prodotti it-Tribunal hu soddisfatt illi meta l-qattusa in kwistjoni marret ghand Micallef id-drittijiet ta tghammir kienu jappartjenu lill-attrici. Micallef kien inghata il-qattusa minghand it-tfajla tieghu ta' dak iz-zmien, cioe` il-konvenuta. It-Tribunal huwa konvint ukoll li Cilicia u American Beauty huma fil-fatt wahda u l-istess qattusa. Konsegwentement jirrizulta li l-qattusa meta kienet ghand il-konvenut kellha fil-fatt friegh, pero` ma jirrizultax li hu kien a konoxxenza tal-fatt li ma setghax jaghmel dan. Apparti minn dan, ir-relzzjoni kontrattwali tal-attrici kienet purament mal-konvenuta. Fic-cirkostanzi qed jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. In kwantu kienet responsabilita` tal-konvenuta li tgharraf lill-konvenut dwar il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u ma jirrizultax li dan gie mgharraf bihom kollha, u stante li r-reelazzjoni kontrattwali kienet maghha, hija l-**

**konvenuta li ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-hlas lill-attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300.00), bl-ispejjes kontra l-konvenuta, b’eccezzjoni tal-ispejjez tal-konvenut li ghandhom jibqghu a karigu tal-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------